MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Numru 504/2003

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Raymond Azzopardi, iben Nicholas, imwieled Żebbuġ
fid-9 ta' april, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-31 ta' mejju, 2003 ġewwa
l-lokalita' ta' Attard –
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Philip Azzopardi liema feriti huma ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika t-Tabib Dr. W. Sawicky M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

2. seraq ‘mobile phone’, mudell Nokia 3310, għad-dannu ta’ l-istess Philip Azzopardi liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza;
3. talli volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u speċifikatament għamel ħsara fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBD 081, proprjeta’ ta’ Philip Azzopardi liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda hi anqas minn ħames mitt liri maltin (Lm500);
4. saq il-vettura tiegħu, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 987, b’manjiera traskurata u perikoluża;
5. kiser il-bon ordni pubbliku b’għajjat u ġlied u qal kliem oxxen fil-pubbliku li jokkonsisti f’dagħa;
6. għamel inġurji jew hedded lil Philip Azzopardi li mhux imsemmija band’ oħra fil-Kodiċi Kriminali jew kien ipprovokat b’mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna ta’ Philip Azzopardi, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lill-imputat Raymond Azzopardi b’obligazzjoni tiegħu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-9 ta’ diċembru, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi procedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ marzu, 2004 fejn il-parte civile ddikjarat li d-danni li jammontaw għal Lm450 ġew imħallsa mill-imputat. Il-parte civile ddikjarat li l-feriti li sofriet huma ta’ natura ħafifa, li l-mobile phone ġie meħuda biss għal skop ta’ informazzjoni u li ma kien hemm ebda sewqan ta’ manjiera traskurata jew perikoluza. Fl-aħħar nett, il-parte civile ddikjarat li ma għandhiex interess f’din il-kawża u tirrinunzja għall-azzjoni kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-ħames u is-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li tirrigwarda l-ewwel akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża limitatament għal fatt li twettaq reat ta’ serq ta’ l-użu biss tal-ħaġa misruqa. Issibu ħati tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu. Ma ssibux ħati tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Rat l-artikoli 288, 325(b), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat b’garanzija ta’ mitt lira maltin (Lm100) għal sena li ma jkellimx jew jimmolesta lil Philip Azzopardi u il-familja tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------